**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' April, 2017**

**Mandat Nru: 166/2017/1 AF**

**Giuseppe Sammut u Maryrose Sammut**

**vs**

**Mary Sammut**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Giuseppe Sammut u Maryrose Sammut li permezz tieghu, talbu lil din il-Qorti izzomm lill-intimata milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari l-proprjetà li ggib in-numru tlieta u sebghin (73) gewwa Triq in-Nirien, Siggiewi u dan in kawtela tal-kreditu li r-rikorrenti ghad ghandhom pendenti fil-konfront tal-intimata skond kif già gie deciz permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Rita Attard li qed tidher ghall-assenti Joseph Sammut u martu Maryrose Sammut vs Mary Sammut u Generoso Sammut" deciza nhar id-9 ta' Ottubru tas-sena 2012, Citazzjoni Numru 727/2012 AF (Dok. A).

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Mary Sammut.

Rat l-Art. 874(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Ikkunsidrat illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2012, l-intimata giet kundannata, flimkien ma' zewgha biex thallas lir-rikorrenti odjerni s-somma ta' €13,980 bl-imghax u l-ispejjez. Ir-rikorrenti jikkonfermaw li dan id-dejn baqa' ma thallasx. L-intimata ssostni li m'ghandhiex taghmel tajjeb ghal dan id-dejn stante li hija legalment separata minn ma' zewgha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anki jekk dan hu minnu (ma tressqet ebda prova fir-rigward), dan ma jxejjen xejn mill-effetti tal-fuq citata sentenza sakemm ma jigix deciz mod iehor mill-Qorti tal-Appell.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-1 ta' Frar 2017.

Il-Qorti tordna lir-Registratur jeffettwa d-debiti notifiki skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.

IMHALLEF